# KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA

**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**


## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 81

Data tal-laqgħa: Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Magda Magri Naudi – Sindku
Stephanie Cutajar– Viċi Sindku (waslet fil-5.20pm)
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Massimo Scerri – Kunsillier (wasal fil-5.25pm)

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Salvu Farrugia - Kunsillier

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv (Deputat SE)

## Minuti

Is-Sindku Magda Magri Naudi, ippresediet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.20pm minħabba nuqqas ta' *quorum*.

## 81.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

81.1.1 Is-Sindku, infurmat lill-Kunsill li l-Kunsillier Salvu Farrugia mhux ser jattendi għall-laqgħa peress li għadu qed jirkupra minn operazzjoni li għadu kif għamel ftit tal-ġranet ilu. Il-Kunsilliera preżenti approvaw l-assenza tiegħu.

## 81.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 80

81.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-Tmenin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

81.2.2 Is-Sindku staqsiet jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti.

81.2.3 Fuq proposta tal-*Minority Leader*, Lorraine Farrugia li kienet issekondata mill-Viċi Sindku, Stephanie Cutajar, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 81.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

81.3.1 <u>Para 80.3.4 - 80.3.6</u>
Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia infurmat lill-Kunsill li l-*bollards* in-naħa taċ-ċimiterju twaħħlu. Qalet ukoll li TM żebgħu *white line* int u ħiereġ mill-Limiti ta' Seguna, u dan suppost irid isir *dotted white line*. Se ninfurmaw lis-Sur Michael Cohen sabiex jirranġaw dan il-*line*.

81.3.2 <u>Para 80.3.8</u>
Is-Sindku attendiet il-laqgħa ma' TM dwar it-talba biex Triq Annibale Preca issir *one-way*. TM approvaw din it-talba u kellhom jibgħatu l-approvazzjoni uffiċjali bil-miktub, pero' sal-lum ma waslitx. Ser nibgħatu *reminder* lis-Sur Cohen.

**F'dan il-ħin (5.25pm) daħal il-Kunsillier Massimo Scerri għall-laqgħa.**

81.3.3 <u>Para 80.9.1</u>
Il-*Minority Leader* semmiet ir-*road hump* li hemm fi Triq Annibale Preca fejn tal-Kmand, fejn TM qed jgħidu li saret mingħajr permess. Il-Kunsill qabel li napplikaw bil-Perit għall-permess ma` TM u tiġi llixxjata skond l-i*specifications* .

81.3.4 <u>Para 80.9.22</u>
Il-*Minority Leader* innutat ir-risposta ta` TM dwar il-*Keep Clear* u l-*bollards* li hemm quddiem garaxx fil-*Housing Estate,* fejn TM qed jgħidu li *double yellow lines* mal-ġenb tal-garaxx jistgħu jiġu kkunsidrati, imma l-*Keep Clear* u l-*bollards* għandhom jitneħħew għax qiegħdin mingħajr permess. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lis-sid biex ineħħihom. Kif dawn jitneħħew issir applikazzjoni ma` TM għad-*double yellow lines.*

## 81.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

81.4.1.1 <u>Laqgħa mal-Onor. Silvio Parnis</u>
Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li meta ġiet is-Sinjura Michelle Muscat biex jinxtgħel it-torri għall-okkażjoni ta' *Pink October,* kien hemm preżenti l-Onor. Silvio Parnis. Is-Sindku stiednet lill-Onorevoli għal laqgħa madwar il-lokalita'.

81.4.1.2 L-Onor. Silvio Parnis aċċetta l-istedina u l-laqgħa saret il-ġimgħa l-oħra . Is-Sindku qalet li matul din il-laqgħa daru diversi postijiet ġewwa l-lokalita' li hemm bżonn ta' xi tip ta' intervent fihom. Is-Sindku bagħtet *email*

(annessa – Dok 1) lill-Onor. Silvio Parnis bil-punti kollha diskussi f'din il-laqgħa.

81.4.2 Sprall fi Triq Sir Ugo Mifsud
Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li meta tnaddaf l-isprall ta' Triq Sir Ugo Mifsud, li ilu madwar 14 –il sena ma jitnaddaf, il-kuntrattur sab xi konkos li kien qed isodd. Is-Sindku staqsiet jekk dan il-konkos tnaddafx. Id-Deputat SE qalet li ser tiċċekkja.

81.4.3 Intervista fuq programm televiżiv
Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kienet mistiedna għal intervista fuq programm li qed isir għall-Kunsilli kollha li ser jixxandar nhar it-Tnejn, 5 ta' Novembru. Għall-intervista kien hemm preżenti wkoll l-Onor. Silvio Parnis, fejn faħħar ħafna l-lokalita'.

81.4.4 Avveniment Sportiv organizzat mir-Reġjun Ċentru
Is-Sindku fakkret lill-Kunsilliera li għada l-Ġimgħa, 26 ta' Ottubru hemm l-i*Sports Day* għall-istudenti li qed jiġi organizzat mir-Reġjun Ċentru.

81.4.5 Laqgħa Plenarja Straordinarja
Is-Sindku fakkret ukoll li nhar is-Sibt, 27 ta' Ottubru hemm il-Laqgħa Plenarja Straordinarja. Għal din il-laqgħa ser jattendu s-Sindku u l-*Minority Leader*.

## 81.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

81.5.1 Il-*Minority Leader* staqsiet kif bqajna fuq il-kanna tal-ilma li hemm fil-wiċċ tat-triq fit-tarf ta' Sqaq Nru. 1, Triq il-Kunċizzjoni. Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li għaddew l-ilment lill-WSC.

81.5.2 Il-*Minority Leader* staqsiet dwar il-proġett ta' manutenzjoni tal-appartamenti tal-*Housing* għax bdew ix-xogħlijiet u waqfu. Se nitolbu lill-*Housing Authority* għal aktar informazzjoni.

81.5.3 Il-Viċi Sindku staqsiet biex inkellmu lid-distributur tal-gass biex meta jkun hemm fejn jipparkja kemm jista' jkun mal-ġenb biex ma jostakolax it-*traffic flow.* Hemm bżonn li ninfurmawh ukoll biex f'toroq dojoq ma jibqax juża trakk kbir.

## 81.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

81.6.1.1 *Concession for the separate collection of waste, paper, metal and glass from households from the locality of Ħal Lija* – LLC/02/2018
Is-SE infurmat lill-Kunsill li ppreparat id-dokument għas-sejħa għal konċessjoni. Kopja tad-dokument ingħata lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

81.6.1.2 Dan id-dokument ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Id-Deputat SE se tibgħat id-dokument għall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratt biex tkun tista' tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa.

81.6.1.3 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni se jiġi maħtur aktar il'quddiem.

81.6.2 Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart minn Jannar sa Settembru 2018
Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li l-*accountant* infurmatha lir-rapport għadhu mhux lest.

## 81.7 Proġetti li ser isiru mill-fondi tad-*Development Planning Fund* u Sebbaħ il-Lokali

81.7.1.1 *Development Planning Fund*
Il-Kunsill iddeċċieda li għandha ssir il-parti ta' ġewwa *Part C* ta' Sqaq Nru. 2, Triq Preziosi *b'concrete imprint*. L-ispiża qed tiġi stmata li tammonta €19,453.76. Se naraw ukoll l-istima tal-kumplament ta' Sqaq Nru. 2, Triq Preziosi u ta' Sqaq Nru. 1, Triq il-Kunċizzjoni, biex f'każ li hemm fondi biżżejjed isir ukoll.

Dwar il-bozoz ta' Vjal it-Transfigurazzjoni ser jiġi ċċekkjat jekk hawnx bozoz aktar qawwijin.

81.7.1.2

Fondi Sebbaħ il-Lokali

81.7.2.1 Saret laqgħa fuq il-post ma' Clayton D'Amato (rappreżentant tal-Perit) peress li fil-laqgħa li għaddiet il-Kunsill iddeċieda li jagħmel il-bandli u l-*flooring* flimkien mas-*signage*, bankijiet u l-bins. Clayton qal li l-ewwel pass hu li jsir *survey* tal-livelli, fejn l-ispiża ta` dan is-*survey* qed tiġi stmata bejn €2,000 u €3,000.

Il-Kunsill qabel li m'hemmx triq oħra imma li jsir dan is-*survey.*

81.7.2.2

## 81.8 *Update* fuq Erasmus

81.8.1 Il-Viċi Sindku Stephanie Cutajar tat l-*update* fuq l-*Erasmus project.* Il-grupp Malti mar Poland bejn l-14 ta' Ottubru u l-21 ta' Ottubru 2018. Il-Viċi Sindku qalet li mar kollox sew u l-grupp Malti pparteċipa f'kollox.

Irid jiġi ppreparat il-*Final Report* li jinkludi fih id-dettalji kollha tal-proġett. Dan ir-rapport wara irid jiġi mtella' fuq l-*Erasmus+ project results platform* sabiex jingħalaq dan il-proġett u nieħdu l-kumplament tal-fondi.

81.8.2 Is-Sindku xtaqet tgħid proset lil kull min kien involut f'dan il-proġett għax f'25 sena ta' Kunsill din kienet l-ewwel esperjenza ta' Erasmus.

81.8.3

## 81.9 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

81.9.1.1 Talba biex jiġu nstallati *plastic bollards*

Resident fi Triq Ġużeppi Portelli jixtieq li bejn il-*yellow lines* u il-*Motor Cycle Bay*, jiġu nstallati *plastic bollards* sabiex il-karozzi ma jipparkjawx ħażin. Is-Sur Farrugia joħroġ kmieni filgħodu allura qiegħed isib kull darba l-karozzi pparkjati ħażin u ma jkunx jista' joħroġ.

81.9.1.2 Il-*Minority Leader* u d-Deputat SE se jmorru *on-site* jiċċekkjaw.

81.9.2.1 Talba biex titneħħa *sleeping policeman* fi Triq il-Kunċizzjoni

Residenta qed titlob biex l-i*sleeping policeman* li kienet saret fi Triq il-Kunċizzjoni titneħħa għax qiegħda mingħajr użu peress li xorta jgħaddu bl-i*speed* allura lanqas ħaq l-istorbju li qed tagħmel.

81.9.2.2 Il-Kunsill innota li din kienet saret fuq talba ta' diversi residenti, fejn anke kienet inġabret petizzjoni biex issir. Għalhekk biex din titneħħa, ir-residenta għandha ġġib l-approvazzjoni ta' kull min iffirma l-petizzjoni.

Talba biex isiru *traffic lights* fi Vjal it-Transfigurazzjoni

81.9.3.1 Residenta qed titlob biex minn flok iż-*zebra crossing* li hemm fi Vjal il-Transfigurazzjoni fejn il-ġnien isiru traffic lights għax il-vetturi mhux qed jiefqu meta jkunu ser jaqsmu n-nies.

Ġie nnutat li l-Kunsill kien applika għall-permess ma' TM, fejn kienet ġiet irrifjutata għax kienet ser iżżomm it-
81.9.3.2 traffiku. Il-Kunsill qabel li nerġgħu napplikaw.

Ilment dwar okkupar tal-parkeġġ bi bramel

81.9.4.1 Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li daħlu diversi lmenti li s-Sorijiet ta' San Pietru li jinsabu ħdejn Bonaci qed joħorġu bramel bil-lasti *no parking* biex ma jipparkja ħadd quddiemhom.

Il-Kunsill qal li s-Sorijiet għandhom jiġu nfurmati li mhux permess li jinħarġu bramel biex ma jipparkjawx
81.9.4.2 quddiemhom.

Diversi talbiet minn residenta

81.9.5.1 Residenta qed titlob biex isir sprall fi Triq il-Forn ħdejn l-Ambaxxata Ġermaniża għax qed jidħol l-ilma ġo dar tagħha. Il-Kunsill innota li diġa' hemm sprall quddiem l-Ambaxxata. Is-Sindku ser tkellem lill-ġardinar tal-Ambaxxata biex jieħdu ħsieb inaddfuh.

L-istess residenta qed titlob, biex isiru *bollards* quddiem id-dar tagħha u *walking white line* taħt il-gallarija,
81.9.5.2 quddiem 142, Triq il-Kbira. Dan għaliex kellha aċċidenti riċenti fejn trakk tal-Ambaxxata Ġermaniża laqat il-

gallarija. Ser tiġi ċċekkjata l-*area* mill-*Minority Leader* u d-Deputat SE u jekk naraw li possibbli ssir l-applikazzjoni ma' TM.

81.9.5.3 Din ir-residenta qed titlob ukoll li ssir *zebra crossing* fi Vjal it-Transfigurazzjoni viċin il-*confectionary* għax m'hemmx waħda u l-*area* hija ta' periklu għax ta' spiss jaqsmu minn hemm. Il-Kunsill unanimament approva din it-talba. Ser tiġi ċċekkjata l-*area* mill-*Minority Leader* u d-Deputat SE biex jiġi identifikat l-aħjar post fejn għandha ssir iż-*żebra cross* u napplikaw għall-permess ma' TM.

<u>Talba għal *yellow lines* fi Triq Daniel Sammut</u>

81.9.6.1 Resident qed jitlob biex fi Triq Daniel Sammut fejn qed jibnu (fejn kien hemm protesti fuq il-bini) isiru yellow lines faċċata tal-bini li qiegħed jinbena biex il-karozzi jibqgħu għaddejin mingħajr tfixkil.

81.9.6.2 Din it-talba ma ġietx approvata. Għandhom jibdew jitwaħħlu tabelli tan-*No Parking* faċċata tas-sit kull meta jkun hemm makkinarju fuq il-post.

<u>Talba biex issir mera fi Triq il-Mitħna</u>

81.9.7.1 Residenta li toqgħod f'Dar Debono, Triq il-Mitħna qed titlob li ssir mera fi Triq il-Mitħna faċċata tad- dar tagħha minħabba li sar impossibbli li toħroġ mid-*drive-in* tad-dar tagħha.

81.9.7.2 Il-Kunsill unanimament qabel li napplikaw għal permess ma' TM.

<u>Talba biex issir *Reserved Parking Bay*</u>

81.9.8.1 Ġiet innutata talba minn imħallef li joqgħod fi Triq Annibale Preca biex issir *Reserved Parking Bay* quddiem ir-residenza tiegħu.

81.9.8.2 Il-Kunsill unanimament approva din it-talba. Ser tiġi ċċekkjata l-*area* mill-*Minority Leader* u d-Deputat SE u ssir l-applikazzjoni ma' TM.

<u>Ġbir ta' skart minn *commercial outlets*</u>

81.9.9.1 Ġie nnutat li skond il-liġi, *commercial outlets* għandhom jieħdu ħsieb il-ġbir ta' skart privat u mhux jinġabar mill-kuntrattur tal-Kunsill, kif dejjem sar.

81.9.9.2 Għalhekk ġie deċiż unanimament li jinbgħat avviż lill- *commercial outlets* u l-għaqdiet ta' Ħal Lija biex ninfurmawhom li minn l-1 ta' Jannar 2019, il-kuntrattur tal-Kunsill mhux ser jibqa' jiġbrilhom l-iskart u li għandhom jagħmlu arranġament ma' kuntrattur privat.

<u>Ġbir ta' skart mill-iskola Primarja</u>

81.9.10.1 Talba mingħand l-iskola biex l-iskart tal-iskola jibda' jinġabar minn ġo skip. Il-kuntrattur tal-Kunsill talab li l-iskola tħallsu €100 fix-xahar biex dan jibda jiġbrilhom l-iskart minn ġo skip. Waslu fi ftheim li jekk l-iskart jibqa' fl-art u mhux fl-skip jie[du ming[ajr problemi ta' xejn u b'xejn b[as-soltu. Il-Kunsill tkellem mal-kuntrattur u qalilna li l-iskola u huma fthiemu li jekk joħorġu l-boroż fuq il-bankina, kif is-soltu jsir jinġabar bla ħlas u minn nhar it-Tnejn 22 t'Ottubru 2018 hekk qiegħed isir.

81.9.10.2 Il-Kunsill huwa marbut b'kuntratt li jeskludi l-obbligu li l-kuntrattur jiġbor l-iskart minn skip.

<u>Talba biex isir *double yellow line* minflokk *single yellow line*</u>

81.9.11.1 Residenta li toqgħod f'26, Triq Annibale Preca, qed titlob li minflokk *single yellow line* li hemm faċċata tal-garaxx isir *double yellow line*, biex tkun tista tidħol u toħroġ mill-garaxx.

81.9.11.2 Il-Kunsill unanimament approva din it-talba. Ser tiġi ċċekkjata l-*area* mill-*Minority Leader* u d-Deputat SE u ssir l-applikazzjoni ma' TM.

<u>Talba biex issir *sleeping policeman* fi Vjal it-Transfigurazzjoni</u>

81.9.12.1 Resident xtaq jerġa' jressaq quddiem il-Kunsill it-talba biex issir *sleeping policeman* fi Vjal it-Transfigurazzjoni. Ir-resident qal li ċċekkja ma' TM fejn qalulhu li l-Kunsill ma applikax sew ma' TM u għalhekk qiegħed jerġa' jitlob lill-Kunsill biex japplika tajjeb.

81.9.12.2 Ser jiġi ċċekkjat ma' TM x'informazzjoni tawh għax il-Kunsill qatt ma ġie infurmat li applika ħażin.

<u>*Football ground* fiċ-Ċentru Rikreattiv</u>

81.9.13.1 Il-President ta' Lija Athletic FC jixtieq jiltaqa' mall-Kunsill malajr kemm jista' jkun rigward il-*football ground* taċ-Ċentru Rikreattiv. Il-President ġie nfurmat li, l-Ministeru tal-Edukazzjoni qiegħed jaħdem bis-sħiħ fuq permess ta' żvilupp sabiex jibni sala proprju fil-post fejn hemm il-*pitch* tal-*five a side*, li jintuża għat-taħriġ taż-żgħażagħ u tfal li jattendu l-*youth nursery*. F'tentativ biex tinstab soluzzjoni l-*club* ħaseb fl-unika post li għad fadal f'Ħal Lija li jista jkopri dan l-għan, il-*ground* iż-żgħir tal-futbol fil-ġnien ta' Ħal Lija biswit il-*club* tal-Boċċi.

Il-President qed jitlob il-possibilita' li l-Kunsill jgħaddi l-użu ta' dan il-*ground* lil *Lija Athletic FC* għall-użu tiegħu u sabiex il-Kunsill jindika jekk huwa favorevoli għal din it-talba, jekk ikunx jista' jgħin fl-investiment li jrid isir, li
81.9.13.2 minnu ħa jgawdu t-tfal u żgħażagħ ta' Ħal Lija.

Il-*Minority Leader* irrimarkat li l-*pitch* tal-*five a side* li hemm l-iskola, uffiċjalment huwa tal-Kunsill. Għalhekk, l-ewwel ser jiġi ċċekjat il-kuntratt li l-Kunsill għamel meta dan kien ġie rranġat mill-Gvern u l-Kunsill .

81.9.13.3

Fl-istess ħin il-Kunsill irċieva *email* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-*playing fields* magħluqa fil-lokalitajiet, fejn qegħdin jitolbu lill-Kunsill informazzjoni biex ikunu jistgħu jgħinu lill-Kunsilli biex dawn il-*playing fields* jerġgħu jinfetħu għall-pubbliku.

81.9.13.4

Il-Kunsill qabel li ngħaddulhom l-informazzjoni tal-*ground* li jinsab fiċ-Ċentru Kreattiv.

<u>Talba biex issir tabella '*Do not Park on Culvert*'</u>

81.9.13.5 Resident qed jitlob li ssir tabella *'Do not Park on Culvert'* ftit l'isfel minn fejn joqgħod fi Triq Annibale għax qed jibża' li jidħollu l-ilma d-dar meta tagħmel ħafna xita u l-karozzi jkunu ipparkjati fuq din il-*culvert*.

81.9.14.1

Ser tiġi ċċekkjata l-*area* mill-*Minority Leader* u d-Deputat SE u jekk ma jkunx ser jintilef *parking* napplikaw għall-permess ma' TM.

<u>Ismijiet ta' toroq ġodda</u>

81.9.14.2 Talba minn għand il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia rigward diversi ismijiet ġodda u tibdil ta' ismijiet ta' toroq ġewwa Ħal Lija.

81.9.15.1 Il-Kunsill qabel li toroq li diġa' għandhom isem m'għandhomx jinbidlu. Il-Kunsill qabel li jiġu msemmijja triq u sqaq mingħajr isem li jidhru mmarkati fuq is-*site plans* annessi (Dok 2). Dawn ser jissemmew b'ismijiet ta' persuni skond is-sena meta ingħataw Ġieħ Ħal Lija u li m'għadhomx magħna.

81.9.15.2 <u>Talba għall-għajnuna mingħand is-Soċjeta' ta' Sant'Andrija</u>

Is-Sindku xtaqet tressaq talba mingħand is-Soċjeta' ta' Sant'Andrija għall-għajnuna dwar kaxxa ta' dawl temporanja biex issir fl-għalqa ta' faċċata tal-Kunsill għaliex din is-sena ser isir il-presepju ħaj. hemmhekk. L-ammont ta' din l-ispiża huwa ta' €160.00.

81.9.16.1 Il-Kunsill qabel li titħallas din l-ispiża. L-attivita' se ssir mill-Kunsill b'kollaborazzjoni mas-Soċjeta'.

<u>Talba biex it-telefonati li jidħlu jew isiru mill-Kunsill jibdew jiġu rrekordjati</u>

Hemm bżonn li t-telefonati li jidħlu jew isiru mill-Kunsill jibdew jiġu rrekordjati għaliex kull darba qiegħdin niltaqgħu ma' sitwazzjonijiet fejn l-istaff qed ikun mgħedded.

81.9.16.2

Il-Kunsill unanimament approva. Ser jinġiebu kwotazzjonijiet.

81.9.17.1

<u>*Contract agreement* dwar il-kera tal-uffiċċju tal-Kunsill</u>

Ġie nnutat il-*Contract agreement* dwar il-kera tal-uffiċċju tal-Kunsill. Ir-rata ser tgħola minn €700.00 għal €1,000.00 fix-xahar.

81.9.17.2

Ġie nnutat li m'hemmx *option* oħra għax ma nstabx post alternattiv. Is-Sindku qalet li għandha tmur tara post
81.9.18.1 ieħor u għalhekk il-Kunsill qal li l-kuntratt isir għal sena. Is-Sindku ser tipprova tkellimhom qabel ma jiġi ffirmat il- *Contract agreement.*

<u>Talba biex ssir tabella '*SLOW DOWN GARAGE EXIT*'</u>

81.9.18.2 Resident qed jitlob li ssir tabella '*SLOW DOWN GARAGE EXIT*' fi Triq il-Kunċizzjoni kif taqbeż l-i*sleeping policeman* fejn garaxx nru. 24. Din hemm bżonn issir għax kull min jgħaddi minn hemm jibqa' tielgħa b'veloċita' u ma jagħtux kas ta' min ikun ħiereġ mill-garaxx.

81.9.19.1 Din it-talba ma ġietx approvata mill-Kunsill. Qed jiġi ssuġġerit li s-sid iwaħħal *sticker* bil-kliem '*SLOW DOWN GARAGE EXIT*' mal-garaxx.

Il-Kunsill innota li dan ir-resident ta' spiss qed jinżel bir-*reverse* u jinżel ukoll *one-way*. Għalhekk, għandu jiġi nfurmat li dan mhux permess.

81.9.19.2

Ilment fuq Triq Ramiro Barbaro

Il-*Minority Leader* irrimarkat li Triq Ramiro Barbaro il-parti ta' wara l-art fejn ser jintrama l-presepju ħaj, it-triq
81.9.19.3 tinżel f'daqqa u l-ilma tax-xita jinżel kollu għad-djar (li issa inbiegħu) u qed tibża' li jidħlilhom ġewwa.

Il-Kunsill ser jikteb lill-TM dwar din il-problema biex jaraw jistgħux jagħmlu xi ħaġa.

81.9.20.1

Applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp tal-PA

Is-Sindku ressqet lista tal-applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp tal-PA għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

Fuq PA/05811/18 u PA/03726/18 il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni.

81.9.20.2

Fuq PA/08462/18 irid jiġu ċċekkjat Class 4A u 4B x'jikkonsisti u fuq PA/08688/18 il-Kunsill m'għandux
81.9.21.1 oġġezzjoni pero' ser jiġi ċċekkjat Class 1D x'jikkonsisti.

## Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

81.9.21.2

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 10 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta'
81.9.21.3 €42,244.76, li tinkludi l-ammont ta' €22.08 bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Settembru u Ottubru 2018. Ir-rendikont tal-Petty Cash jinsab mehmuż.

Il-Viċi Sindku irrimarkat li l-kontijiet tal-*mobile* għax-xahar ta' Awwissu u Settembru 2018 ġew għoljin ħafna.

81.10

Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li talbet lill-kumpanija biex jibgħatu *itemised bill.* Meta jasal, dan ser jiġi
81.10.1 mibgħut lill-Kunsilliera kollha.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Massimo Scerri li kien issekondat mill-Viċi Sindku Stephanie Cutajar. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

81.10.2

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

81.10.3

Il-laqgħa ntemmet fis-7.35pm.

81.10.4 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 27 ta' Novembru 2018 fil-5.00pm.

81.11

81.11.1

81.11.2

Konfermati, illum it-Tlieta, 27 ta' Novembru 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Magda Magri Naudi | Doriette Farrugia |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |